# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2650

**Kaz Numru 2843/GV**

**Fil-Kwistjoni ta' xoghol**

**bejn**

**Stephen Thornton (KI 28502A)**

**u**

**Dragonara Gaming Limited (C-49848)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum it-Tlieta 28 ta' Jannar 2020

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikors ipprezentat mir-rikorrent Stephen Thornton, fir-Registru Superjuri, fis-6 ta' Ottubru 2010. Illi r-rikorrent qieghed issostni li t-tkeccija tieghu kienet ingusta u bbazata fuq ragunijiet mhux tajba u sufficjenti skont il-ligi u talab ukoll li konsegwentement dawk il-mizuri kollha mehtiega li taghtih il-ligi, nkluz l-impozizzjoni ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-ligi.

Illi in oltre, stante l-fatt li dawn l-erba' kwistjonijiet ta' xoghol instemghu simultanjament, bhala referenzi, t-Tribunal mexa fuq dawk tal-Kaz Numru 2840 u li japplikaw ukoll ghat-tlett rikorrenti l-ohra, ossia Gordon Clark, Andrew Smith u Giancarlo Vecchioni, u li kienu rraprezentati f'dawn il-proceduri mill-avukat Dottor Jeremy Debono. Illi ghandu jigi rilevat ukoll li fl-imsemmi process (2840) giet inserita l-maggior parti tad-dokumentazzjoni relevanti, fosthom it-testimonjanza ta' diversi xhieda li xehdu f'dawn l-erba' kwistjonijiet ta' xoghol.

Illi mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata, Dragonara Gaming Limited, sostniet li t-terminazzjoni tar-rikorrenti saret fuq bazi ta' *redundancy*.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi in oltre t-Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati u li kienu hafna.

Di piu', gew ipprezenatati zewg noti ta' osservazzjonijiet miz-zewg difensuri tal-partijiet, u ta' dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti mressqa fl-istess noti tal-istess difensuri. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif

stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, d-diversi bdil fic-*Chairpersons* u kif ukoll minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti kemm mill-istess partijiet jew ir-rapprezentanti legali taghhom.

Illi, r-rikorrenti kollha kien rapprezentati mill-Avukati, Dottor Jeremy Debono, Dottoressa Nicole Vella u sussegwentement mid-Dottoressa Graziella Bezzina, mentri s-socjeta` ntimata kienet irrapprezentata mill-Avukati, Dottoressa Katia Mercieca, Dottor Christian Farrugia, Dottor Antonio Depasquale u kif ukoll Dottoressa Caroline Muscat.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina.

Illi r-rikorrent, Stephen Thornton kien impjegat mas-socjeta` ntimata, Dragonara Casino Limited (C-49848) fit-8 ta' Frar 1999 bhala *full-time Tables Operations Manager,* u dan skont il-kuntratt indefinit, dokument esebit li juri r-rikorrent kien licenzjat mill-Awtorita` tal-Lotteriji u Loghob (Dok. ST 01)[1]. Illi sussegwentement s-Socjeta` ntimata u li kienet tiggestixxi Dragonara Casino Ltd u dan peress li kellha koncessjoni mis-socjeta` Casma Ltd (C-8930), liema socjeta` kellha l-ishma taghha jappertjenu lis-Socjeta` MIMCOL u li l-imsemmija socjeta` hija propjeta` tal-Gvern Malti, temmet din il-koncessjoni f'Gunju tas-sena 2009.

Illi kif hemm stipulat fit-termini tar-*Request for the Concession of the Management, Operation and Development for the business activities of the Dragonara Complex St. Julian's – Malta (RFP)* (Dok.'ST02')[2], il-Ministeru tal-Finanzi flimkien mas-Socjetajiet Casma Ltd u MIMCOL hargu talba pubblika ghat-trasferiment tal-koncessjoni tad-Dragonara Casino.

Illi, in oltre, fost id-diversi obbligi li kellhom l-offerenti kien hemm l-obbligu li l-impjegati kollha tas-socjeta` Dragonara Casino Ltd jigu assunti u mpjegati mas-Socejta` li kient assumiet il-gestjoni tal-imsemmi casino u dan taht l-istess kondizzjonijiet ta' mpijeg li kellhom l-istess haddiema taht is-socjeta` Dragonara Casino Limited u dan kif hemm stabillit b'mod car fl-RFP.

Illi di piu', kienu ntbaghtu zewg cirkolari mis-socjeta` MIMCOL datati20 u 21 ta' Mejju 2009 (Dok.'ST. 03' u Dok.'ST. 04')[3] fejn gie ggarantit l-impjieg tal-haddiema kollha tas-socjeta` Dragonara Casino Limited mill-istess socjeta` MIMCOL. Dan kollu gie konfermat permezz ta' *Memorandum of Understanding*, datat 15 ta' Gunju 2010, fejn il-kumpanija ntimata assumiet u mpjegat il-haddiema kollha tas-socjeta` Dragonara Casino Limited u dan b'effett mis-16 ta' Gunju 2010.

Illi permezz ta' ittra datata 8 ta' Gunju 2010 (Dok.'ST. 05)[4] r-rikorrenti rcieva konferma li l-impieg tieghu, flimkien mall-impjegati l-ohra, kien gie ttrasferit mas-Socejta` ntimata, Dragonara Gaming Limited.

---

[1]Fol. 7 tal-Process, Kaz numru 2843.
[2] Minn fol. 13 sa fol. 98 tal-Process, Kaz numru 2843 .
[3]Fol. 99 u Fol 100 tal-Process, Kaz numru 2843.
[4]Fol. 101 tal-Process, Kaz numru 2843.

Is-socjeta` ntimata permezz ta' ittra datata 18 ta' Gunju 2010 (Dok.'ST. 06'[5]) informat lir-rikorrent li l-kariga tieghu ma kinitx aktar necessarja u ghalhekk l-impieg tieghu gie tterminat b'effett immedjat. In oltre, fl-istess ittra r-rikorrent rcieva l-ammont ta' €19,354.71c, bhala *notice period* u kif ukoll ghall-bilanc tal-*leave* li hu kellu, u dan il-hlas kien a saldu. Ir-rikorrent irrifjuta u invija lura dan il-pagament u nterpella lis-Socjeta` ntimata sabiex tersaq ghall-hlas ta' kumpens xieraq (Dok. 'ST. 07')[6].

Illi fir-rikors promutur tieghu r-rikorrent jsostni li r-raguni moghtija ta' *redundancy* ma hijiex genwina u kif ukoll li xoghol ir-rikorrent qieghed isir minn persuni ohra li gew impjegati sabiex jaghmlu l-istess xoghol tar-rikorrent. In oltre, flimkien mar-rikorrent kien hemm tlett impjegati ohra li l-impjieg taghhom gie tterminat, ossia tlett *managers* barranin, Andrew Smith (*Cash Desk/Slots Floor*), Giancarlo Vecchioni (*Slots Manager*) u Gordon Clark (*Asst. Table Games Operations/Poker Manager*). Gie rilevat ukoll li certu David Gray, li kien jokkupa l-kariga ta' *General Manager* tal-Casino kien thallas l-ekwivalenti ta' sena salarju u dan peress li kien baqalu sena sabiex jirtira bl-eta`.

Dawn l-imsemmija mpjegati ma accettawx din ir-raguni ta' terminazzjoni u qeghdin jikkontestaw ukoll it-terminazzjoni taghhom. Illi ir-rikorrent u kif ukoll il-persuni hawn imsemmija qeghdin jitolbu li jinghataw kumpens xieraq u adegwat ghal din it-terminazzjoni mill-impieg li qieghda tigi kkunsidrata bhala ngusta.

Illi mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata, Dragonara Gaming Limited irribatiet billi sostniet li din it-tkeccija kienet qieghda ssir minhabba redundancy u dan peress li l-istess socjeta` ntimata kienet qieghda taghmel ri-modernizazzjoni estensiva u dan wara li assumiet il-gestjoni ta' Dragonara Casino.

Illi in oltre, peress li z-zminijiet kienu nbidlu kien hemm il-bzonn li jsir mordernizzar li jirrifletti z-zminijiet prezenti u ghalhekk is-socjeta` ntimata kellha tiehu dawn id-decizjonijiet li tittermina l-impjiegi ta' diversi mpjegati taghha fosthom ir-rikorrent u l-impjegati l-ohra hawn imsemmija.

Illi dan kollu sar fid-dawl tal-fatt li saru diversi zviluppi fl-organizazzjoni u l-immanniggjar tal-*Casinos* kemm fuq livell lokali u kemm fuq livell esteru u kien propju ghalhekk li s-socjeta` ntimata li kellha timbarka fuq dan il-bdil radikali u estensiv. Is-Socejta` ntimata fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha sahqet li d-dhul kien beda niezel u ghalhekk is-Socjeta` ntimata kellha tiehu dawn il-mizuri sabiex tibqa' kompetittiva u dan peress li s-socjeta` Dragonara Casino Limited kienet naqset milli tiehu dawn il-mizuri ta' ri-modernizzar tal-istruttara tal-Casino.

Is-Socjeta` ntimata cahdet bil-qawwa kollha li l-impjegati gew ingaggati fit-8 ta' Gunju 2010 u li din kienet biss informazzjoni generika lill-impjegati bl-akkwist tas-socjeta` ntimata u li dan kollu kien soggett ghall-eccezzjonijiet stipulati fil-ligi u li qatt ma kien jikkostittwixxi kuntratt gdid ta' mpjieg.

---

[5]Fol. 102 tal-Process, Kaz numru 2843.
[6]Fol. 103 u 104 tal-Process, Kaz numru 2843.

Illi dwar ir-rwol tar-rikorrent, is-socjeta` ntimata ddikjarat li dan kien gie abolit u dan peress li saret ri-strutturazzjoni u ri-organizazzjoni u li l-ebda persuna ma giet impjegat minfloku. Illi in oltre, dawn ir-rwoli tar-rikorrent kien ukoll konflinggenti stante li kien r-rikorrent kien jigbor il-flus kontanti mill-magni u jghodd l-istess fil-*Cash Desk.*

Fir-rigward tas-sena salarju li nghata David Gray, is-Socjeta` ntimata sostniet li hi qatt ma kienet koinvolta f'dan l-arrangament peress li dan kien sar bejn David Gray u Dragonara Casino Limited.

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

Illi f'din il-kwistjoni ta' xoghol gewipprezentati diversi affidavit, fosthom tar-rikorrent Stephen Thornton[7].

Illi l-ewwel xhud, *viva voce* f'din il-kwsitjoni ta'xoghol li xehed kien is-sur Ivan Falzon, u li f'dak il-perjodu kien jokkupa l-kariga ta' Chariman tal-MIMCOL. Is-sur Falzon spjega li MIMCOL teknikament ma kellha l-ebda relazzjoni mas-socjeta` Dragonara Casino Limited u dan ghaliex ir-relazzjoni li kellha MIMCOL kien ma' Casma Limited u dan peress li Casma Limited kienet is-sid tal-ishma tal-Casino u l-MIMCOL kienet is-sid principali tal-ishma. Ix-xhud kompla jispjega dwar l-involviment tal-MIMCOL dwar it-trasferiment tal-Casino ghal mas-socjeta` ntimata, ossia Dragonara Gaming Limited. Skont is-sur Falzon, il-MIMCOL kienet resqet il-proposti taghha mill-punto di vista taghha u kif ukoll matul in-negozjati ghat-trasferiment. Ix-xhud irrileva li kien hemm tlett offerenti (*bidders*)u li s-socjeta` MIMCOL riedet tassigura li f'kaz li Dragonara Casino tfalli l-offerta jkun hemm trasferiment minghajr ebda xkiel u dan peress li l-istess Dragonara Casino Limited kienu offerenti ukoll.

Ix-xhud kompla jispjega li l-MIMCOL, wara li giet konklusa l-koncessjoni, ma kellha l-ebda relazzjoni ma' Dragonra Gaming Limited u izda biss jaraw li dak li gie maqbul fuqu fil-koncessjoni qieghed jigi onorat, bhal hlas tal-kera fil-hin, li l-binja ghandha polza ta' assigurazzjoni, li jsiru l-manutenzjonijiet mehtiega. Dan isir tramite Casma Limited u li hija l-imsemmija kumpanija li tikkomunika mas-Socjeta` ntimata Dragonara Gaming Limited.

Dwar l-ittri esebiti mill-ex impjegati, fosthom ir-rikorrent Stephen Thornton, datati 20 u 21 ta' Mejju 2009, ossia DOK.ST03 u ST04, is-sur Falzon ikkonferma li dawn kienu ffirmati minnu. Is-sur Falzon spjega li Dragonara Casino Limited kienet giet koncessa sena ohra sabiex tibqa' topera l-Casino peress li nghatat estensjoni ghal dak il-perjodu. Ir-raguni ghal din l-estensjoni ta' sena kienet li peress li kienu ghaddejjin bin-negozjati mall-offerenti, kienu ddecidew li jestendu f'zewg fazijiet u dan ghax hasbu li kienu jiffinalizzaw mall-offerenti minn qabel u jestendu ghall-ewwel sitt xhur u sussegwentment jestendu ghal sitt xhur ohra[8].

---

[7] A fol. 30 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[8] Xhieda ta' Ivan Falzon, seduta 21 ta' Ottubru 2011, a fol 81 tal-process (Kaz Nru: 2840).

Is-sur Ivan Falzon irrileva li matul dawn in-negozjati kien mar David Gray u kien issugerixxa li jitkeccew xi mpjegati u l-MIMCOL ma accettatx. Ir-raguni, skont is-sur Falzon, kienet li jekk f'din il-fazi ta' negozjati kienu jitkeccew xi mpjegati dan kien iwassal ghal xi azzjonijiet industrijali li setghu jisfrattaw in-negozjati u li kien iwassal sabiex jinzel b'mod drastiku il-prezz tal-offerta. Kien propju ghalhekk li din il-proposta kienet skartata. Ix-xhud sostna li lis-sur Gray kien qallu, "*this is an extension to your concession, you stick to that concession with the previous conditions*"[9], in oltre, kompla x-xhud Ivan Falzon, is-socjeta` Dragonara Casino Limited kienet ezenti mill-hlas tal-kera f'dik is-sena, u dan bil-premess tal-Ministru.

Ghad-domanda dwar jekk l-offerent li kien se jirbah din il-koncessjoni kellux l-obbligu li jzomm l-impjegati, x-xhud wiegeb li din kienet l-intenzjoni u dan peress li l-Gvern ikollu interess li meta ssir privatizazzjoni l-impjegati jibqghu mall-privat, u dan kien l-interess ta' David Gray, il-*General Manager* tad-Dragonara Casino, sostna, x-xhud Ivan Falzon. Ix-xhud sahaq li l-ewwel negozjati saru mas-socjeta` Dragonara Casino Limited, peress li kienu l-offerenti preferuti u dawn in-negaozjati saru fil-prezenza tal-avukati rispettivi taghhom. Ix-xhud irrileva li l-avukati taghhom kienu qalulhom li dak li kien se jsir kien illegali, u dan ghax hadd ma jista' jmur l'hinn mil-ligi. Ix-xhud sahaq li l-ebda mpieg ma hu ghal dejjem.

Ix-xhud kompla bix-xiehda tieghu billi sostna li trid issir distinzjoni bejn l-impjegati ta' Casma Limited li huma impjegati mall-Gvern u li jibqghu mpjegati sal-irtirar, jew sakemm ikun hemm xi skema. Dwar l-impjegati ta' Dragonara Casino Limited ix-xhud qal li dawn jigu trasferiti meta jsir it-trasferiment tal-operat u wara hija bicca ta' min ikun ha l-koncessjoni x'jaghmel bl-impjegati.

Is-sur Ivan Falzon ghamel ukoll referenza li kien hemm zewg kategoriji ta' haddiema u cioe` minn kien impjegat b'kuntratt indefinit u minn kien impjegat b'kuntratt definit. Fir-rigward tal-impjegati b'kuntratt definit, l-offerenti l-godda kienu zammewhom u kienet bicca taghha jekk iggeddux il-kuntratt jew jitterminawlhom l-impjieg meta jiskadi l-kuntratt[10].

Ix-xhud kompla jispjega li skont l-esperjenza tieghu generalment l-offerent il-gdid jiehu l-impjegati mieghu f'dak il-mument partikolari izda wara ma jibqax l-offerent izda jkun ha l-operat f'idejh u minn hemm l'hemm jibda bir-ristrutturar tal-kumpanija. Dan isir billi jinvesti f'pratici tax-xoghol ahjar u dan jista' jirrizulta li jkun hemm ammont ta' mpjegati zejda. Ix-xhud sahaq li dan kollu huwa fil-kontroll ta' min ikun ha l-gestjoni tal-operat u huma bhala MIMCOL ma ghandhomx kontroll. Dan kollu ikun fil-kontroll tal-operaturi l-godda li jimxu maz-zminijiet kummercjali tal-gurnata u dan sabiex ikunu kompetittivi u efficjenti f'dan is-settur[11].

Ix-xhud kompla jispjega dwar dak li jsir meta jkun hemm privatizazzjoni u dak kollu li ggib maghha u li sussegwentment l-operatur il-gdid jibda jirristruttura u f'dan il-kaz beda jinstalla magni tal-loghob godda li kienu l-ahhar verzjoni. Is-sur Falzon ghalaq ix-xiehda tieghu billi semma' li huma bhala kumpanija kienu ghamlu manutenzjoni estensiva peress li l-post kien

[9] Xiehda ta' Ivan Falzon, seduta 21 ta' Ottubru 2011, a fol 81 tal-process (Kaz Nru: 2840) .
[10] Ibid. a fol 84 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[11] Ibid.

thalla fi stat hazin ta' manutenzjoni. Kienet sahansitra saret applikazzjoni l-M.E.P.A. sabiex isiru dawn ir-ristrutturazzjonijiet tal-kmamar tal-loghob (*games rooms*) u kif ukoll il-bini ta' swali godda[12].

Fl-istess seduta tal-21 ta' Ottubru 2011 xehed ukoll is-sur Christian Borg, li pprezenta lista tal-haddiema li gew impjegati minn Dragonara Gaming Limited fis-16 ta' Gunju 2010 u kif ukoll dokument li ta' Dragonara Casino Limited li jindika li l-impjegati kienu se jigu mpjegati ma' Dragonara Gaming Limited[13].

Fis-seduta tal-11 ta' Novembu gie pprezentat Affidavit ta' Mario Mizzi u li f'dak il-perjodu kien jokkupa l-kariga ta' Chief Executive Officer (CEO) tal-MIMCOL. Fl-affidavit tieghu s-sur Mizzi ta spjegazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-MIMCOL, ossia li kienet responsabbli mill-investimenti tal-Gvern fil-kumpanija Casma Limited, u li din il-kumpanija, min-naha taghha, kienet responsabbli mill-operat tad-Dragonara Casino. F'dan il-perjodu l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Loghob (*Gaming Authority*) ma kinietx ghadha tezisti[14].

Is-sur Mizzi fl-affidavit spjega it-trasferimenti li saru, l-ewwel tal-haddiema minn ma' Casma Limited ghal ma' Dragonara Casino Limited u kif ukoll minn ma' Dragonara Casino Limited ghal ma' Dragonara Gaming Limited. Dwar il-koncessjoni s-sur Mizzi sostna lifil-fazi ta' transazzjoni u li kienet twassal ghat-trasferiment tar-responsabbilita` fosthom tal-haddiema dan kellu jsir b'mod organizzat u minghajr problemi.

Illi l-haddiema tal-Casma Limited jigu trasferiti ma' Dragonara Casino Limited fuq *secondment* u dan bl-istess kondizzjonijiet jew ahjar minn dawk li kellhom, izda jibqghu mpjegati ta' Casma Limited.

Meta gie sabiex isir it-trasferiment minn ma' Dragonara Gaming Limited, il-MIMCOL kienet segwiet din it-transazzjoni u trasferiment tal-operat. Kif kien specifikat fir-rekwisiti fis-sejha tal-koncessjoni, l-haddiema ta' Casma Limited gew trasferiti fuq bazi ta' *secondment* u dawk ta' Dragonara Casino Limited inqalbu ghal fuq il-kotba ta' Dragonara Gaming Limited[15].

Dwar iz-zewg ittri indirrizzati datati 20 u 21 ta' Mejju lil David Gray, is-sur Mizzi sahaq, fl-affidavit tieghu, l-ittri ma kienux "*intizi jew ghandhom jigu nterpretati bhala dikjarazzjoni tal-inapplikabilita` tat-Transfer of Business Regulations*"[16].

Ghall-kuntrarju l-iskop dawn l-ittri kien li jinforza l-provvedimenti tat-*Transfer of Business Regultaions* u b'hekk id-drittijiet tal-haddiema jkunu protetti. L-skop taghhom kien li ma jinholoqx *vacuum* temporanju meta kien qieghed isir it-trasferiment tal-operat u dan peress li l-

---

[12] Xiehda ta' Ivan Falzon, seduta 21 ta' Ottubru 2011, a fol 86 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[13] Xiehda ta' Christian Borg, seduta 21 ta' Ottubru 2011, a fol 87 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[14] Affidavit ta' Mario Mizzi, a fol 91 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[15] Affidavit ta' Mario Mizzi, a fol 92 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[16] Ibid.

Gvern li kien qieghed jaghti l-licenza lil Dragonara Gaming Limited u mhux lil Dragonara Casino Limited.

Is-sur Mizzi sahaq li kien propju ghalhekk li ddahhlet il-frazi "*independently of the applicability or otherwise of the Transfer of Business Regultaions*" u dan wara li MIMCOL hadet il-pariri legali minghand l-avukati taghha[17].

Mario Mizzi ghalaq l-Affidvait tieghu billi rrileva li hu kien jaf li bhala l-offerenti li kienu rebhu l-operat tal-Casino, Dragonara Gaming Limited kellhom progett ghall-immodernizzar tal-Casino u proposta ta' nvestiment, izda ma jafx id-dettalji peress li ma kienx baqa' mall-MIMCOL.

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 xehed Pierre Zammit li wiegeb ghad-domandi in kontro-ezami ghall-affidavit tieghu maghmula mill-Avukatessa Dottoressa Nicole Vella.

Is-sur Zammit beda billi qal li dakinhar li pprezenta l-affidavit hu kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Casino ma' Dragonara Casino Limited u issa kien jokkupa l-kariga ta' General Manager ma' Forestals Group. Pierre Zammit ikkonferma dak li sostna fl-affidavit tieghu u cioe` li kien hemm bzonn ristruttar tal-Casino tad-Dragonara.

Skont dan ix-xhud, il-fattur principali ghaliex fis-sitt snin ta' qabel kien beda jsir it-telf kien il-ftuh tal-Casino Portomaso u kif ukoll meta bdew jinfethu il-hwienet tal-loghob fil-bliet u l-irhula. Dak li skont is-sur Zammit sejjahlu "*Street Market*"u li dawn gew wara[18].

Ghad-domanda jekk is-sena zejda li nghatat lil Dragonara Casino Limited wara l-iskadenza tal-kuntratt originali u kif ukoll li kienet qieghda tonfoq il-flus taghha sabiex thallas lill-managers taghha u li ma kienux saru investimenti matul is-snin u li dan kollu kien il-kagun tat-telf li kienet qieghda taghmel, is-sur Pierre Zammit wieged fl-affermattiv. Is-sur Zammit kompla jikkonferma dak li qal fl-affidavit tieghu, ossia li kien hemm *software* li kien antik u li ma kienx aggornat.

In oltre, kkonferma ukoll li ma kellux x'jaqsam mat-terminazzjoni tal-impieg tal-erba' managers, izda sostna li ma kienx it-tort taghhom dwar il-problemi li kien ghaddej minnhom il-Casino, izda l-kien il-Bord tad-Diretturi li kien jiehu certu decizjonjiet dwar l-istruttura tal-Casino.

Ghad-domanda jekk hu qattx kellu xi diskussjonijiet mas-sinjuri Clark, Thornton, jew Vecchioni fuq kemm kien antik (*outdated*) is-*software*, is-sur Zammit sahaq li kulhadd kien konxju kif dan kellu aktar minn ghaxar snin, izda sostna li kellux diskussjoni maghhom fuq hekk.

Pierre Zammit spjega li *Casinos* ohra kienu joperaw sistema maghrufa bhala "*streamed lined and efficient management structure*" u li dan kien ifisser li kull manager ikun responsabbli ghal zewg dipartimenti jew tlieta, bhal ma kien qed jigri ma' Tumas Group. Fil-kaz taghhom (Dragonara Casino Limited) kull *manager* kien responsabbli biss ghal dipartiment wiehed biss.[19]

---

[17] Affidavit ta' Mario Mizzi, a fol 92 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[18]Xiehda in kontro-ezami ta' Pierre Zammit, seduta tas-27 ta' Jannar 2012, a fol 111 tal-process.
[19] Xiehda in kontro-ezami ta' Pierre Zammit, seduta tas-27 ta' Jannar 2012, a fol 114 tal-process (Kaz Nru: 2840).

Ix-xhud kompla jwiegeb domandi dwar il-kagun tat-telf ta' Dragonara Casino Limited, fosthom il-limiti mposti fuq certi loghbiet bhal poker u li dan il-limitu kien maghruf bhala '*pot limit game'*, u sostna li dan kien kagun tan-nuqqas ta' staff biex jopera dawn il-magni tal-loghob. Ix-xhud sahaq ukoll li minhabba incertezza li kienet inholqot kien hemm diversi haddiema li ghazlu li jitilqu u dawn il-haddiema ma gewx sostitwiti b'haddiema ohra.

Ix-xhud ikkonferma ukoll li meta kien inghata l-kariga ta' Direttur tal-Casino mill-operatur il-gdid, f'Gunju 2010, kien mar jifrahlu s-sur Thornton u kien qallu li kellu l-appogg kollu tieghu. Ix-xhud ikkonferma ukoll li ftit tal-granet wara Thornton kien gie *redundant*. Is-sur Zammit sostna li ma kienx jaf b'dan kollu.

Ix-xhud kompla jwiegeb domandi dwar l-esperjenza tieghu li kellu fl-operat tal-Casino, fejn kien ghamel ghaxar snin jahdem bhala *Senior Marketing Manager*. Ix-xhud qal li hu fl-ahhar sentejn minn dawn l-ghaxar snin kien involut fil-qasam tal-*marketing* peress li kien segretarju tal-kumpanija u kien involut fit-tender ta' dik is-sena. Ghalkemm kellu din il-kariga hu qatt ma kien jiehu decizjonijiet izda kien jirraporta dirett lill-*General Manager*, sostna Pierre Zammit[20].

Meta x-xhud gie trasferit ma' Dragonara Gaming Limited hu ma kienx jiehu decizjonijiet, kien jirreferi kollox lid-Direttur tal-Operazzjonijiet (*Director of Operations*). Id-decizjoni li jigu tterminati l-erba' impjegati u li huma r-rikorrenti f'dawn il-kwsitjonijiet ta' xoghol, ix-xhud wiegeb li meta kien ikun hemm kien jiehu d-decizjonijiet Dr. Christian jew Johann Sciberras, u d-decizjonijet ta' kuljum Nick Roland. Ix-xhud sostna li hu kien aktar mixhut fuq in-naha tal-amministrazzjoni.

Ix-xhud kompla jwiegeb domandi dwar l-involviment tieghu fir-ristrutturar tal-Casino, izda ma kienx jiftakar il-figuri. Ix-xhud sostna li meta dahlu aktar magni tal-loghob u li dawn il-magni tal-loghob kienu aktar efficjenti bhal ma kienet magna b'sistema ta' "*ticket in ticket out*", u li din kienet thaffef il-process tal-ghadd, kien hemm ukoll sistema ta' *software* li kienet taghti nformazzjoni f'hin reali[21].

Permezz ta' din il-magna l-ghadd kien sar aktar efficenti u kien jiehu biss ftit sighat u mhux granet kif kien jigri qabel u dan kien isir mill-accountants. Ix-xhud ikkonferma li kien hu li nforma lil-erba' rikorrenti li kien gew *redundant* u dan wara li kien informat mill-Bord tad-Diretturi u li hu qatt ma gie kkonsultat dwar din id-decizjoni.

Ix-xhud sostna liu ma kienx jiftakar li kien ta promozzjonijiet lil xi haddiema ohra ghal grad ta' managers u dan wara li spiccaw l-erba' managers ossia r-rikorrenti odjerni. Ix-xhud ikkonferma li l-persuni li gew promossi kienu assistant *managers* u gew propmossi ghal gradi ta' managers meta spiccaw ir-rikorrenti u kif ukoll gharaf il-firma tieghu fir-roster tal-managers[22].

---

[20] Xiehda in kontro-ezami ta' Pierre Zammit, seduta tas-27 ta' Jannar 2012, a fol 118 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[21] Xiehda in kontro-ezami ta' Pierre Zammit, seduta tas-27 ta' Jannar 2012, a fol 120 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[22] A fol. 104 tal-process (Kaz Nru: 2840).

Is-sur Pierre Zammit ikkonferma li dawn il-haddiema kienu nghataw zieda fis-salarju taghhom u kif ukoll certi beneficcji. Mill-banda l-ohra x-xhud wiegeb li ma kienx jaf precizament il-ghaliex kienu nghataw din il-promozzjoni u zieda fil-paga meta kien hemm dawn il-magni li kienu aktar efficenti[23].

In oltre, dwar reklam li kien nhareg ghall-ingagg ta' *Director of Operations*, ix-xhud sahaq li hu ma kienx jaf b'dan ir-reklam u li kien nhareg minn *Dragonara Gaming Limited* u li sa kemm dam hu fil-kariga ma kinux gew impjegati *Operations Managers*.

Ix-xhud baqa' jwiegeb domandi dwar haddiema li kienu gew ingaggati bhala managers meta qabel dawn il-karigi kienu koperti mir-rikorrenti, Gordon Clark u Stephen Thornton, fejn sostna li dawn kienu jaghmlu xoghol differenti mir-rikorrenti, Clark u Thornton. L-istess ghall-fatt li kienet giet impjegata bhala*Opertaions Manager*izda x-xhud sostna li kienet *Player Development Manager*.

Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2012 xehed is-sur Johann Schembri, li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Bord ta' Dragonara Gaming Limited, Direttur *ad interim* tal-Operazzjonijiet u kif ukoll wiehed mill-azzjonisti principali tas-socjeta` ntiamata, fejn wiegeb id-domandi in kontro-ezami tad-Dottoressa Nicole Vella, ix-xhud beda biex ikkonferma li l-profitti kienu bdew jizdiedu minn meta inbdiel l-operatur u li fis-snin 2006 u 2007 in-numri kienu bdew niezlin, pero' ma kienx jaf jekk hux minhabba li kienu fethu casino ohra. Ix-xhud sostna li, fl-opinjoni tieghu, l-Casino kien beda jmur hazin minhabba mmaniggjar hazing (*mismanagement*) ta' Dragonara Casino Limited. Ix-xhud sahaq li dan kien kagun ta' pagi gholjin fi gradi manigerjali, nuqqas ta' nvestiment f'apparat modern, izda l-problema principali kienet li l-post kien mghobbi b'hafna spejjez[24].

Ix-xhud irrimarka li fis-snin 2008 u 2009 il-*General Manager*kien ha paga aktar milli qaghlet il-kumpanija, ossia Dragonara Casino Limited. Ix-xhud qal ukoll li minhabba din il-problema ta' spejjez u dan minhabba l-pagi tal-managers, il-kumpanija ma setghetx timpjega haddiema fi gradi ta' kupiera u li dawn kienu jiggeneraw id-dhul. Is-sur Schembri sahaq li l-problemi li kien hemm qabel kienu gejjin peress li ma kienx sar investiment f'apparat aktar modern, u nuqqas ta' manutenzjoni.

Ix-xhud sostna li wara li tkeccew l-erba' *managers*, ossia r-rikorrenti, l-*managers* l-ohra li kien hemm dawk li kienu *Assistant Managers* baqghu mpjegati maghhom u ghalih dawn xorta kienu *Managers.* Ix-xhud wiegeb li certa Svetlana Bukova kienet impjegata mhux bhala *Operations Manager*, izda bhala *Player Development Manager* u dan anke kif kien jghid ir-reklam ghal dan l-impjieg.

Ix-xhud kompla jispjega ghaliex kienu hargu l-iskema ta' *loyalty programme* u li kien propju ghalhekk li riedu li xi hadd jiehu hsieb din is-sistema u li l-kariga ta'*Operations Manager* kienet

[23] Xiehda in kontro-ezami ta' Pierre Zammit, seduta tas-27 ta' Jannar 2012, a fol 124 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[24] Seduta 2 ta' Marzu 2012, xiehda in kontro ezami, Johann Schembri, a fol 137 tal-process (Kaz Nru: 2840).

ghal din il-ghan. In oltre, s-sur Schembri sostna li l-kariga hija ekwivalenti ghal dik ta' *General Manager* li kien hemm mall-operatur precedenti, ossia Dragonara Casino Limited. Is-sur sahaq li din il-kariga baqa' jokkupha hu peress li ma kienx instab persuna ideali ghal din il-kariga.

Ghar-rigward tal-kariga ta' *IT Manager* ix-xhud qal li hadd mill-erba' rikorrenti ma kien kompetenti ghal din il-kariga. Ghalekk kellu jigi mpjegat *IT Manager* u dan peress li sa dak iz-zmien (2010) l-Casino ma kellux *IT Manager*[25].

Ix-xhud sostna li ma kienx jaqbel li dak li kien hemm rikjest fir-reklam kien l-istess xoghol li kienu jaghmlu Gordon Clark u Stephen Thornton. In oltre, kompla jsostni li ghal dak li riedu huma, kemm Gordon Clark u kemm Thornton, ma kellhomx l-esperjenza u l-kapacitajiet mehtiega.

Ix-xhud qal li l-karigi li kellhom ir-rikorrenti spiccaw fosthom dik ta' *Tables Operations Manager*, okkupata minn Thornton. Dan kien sar peress li kienu ghaqqdu l-imwejjed u s-*slots* f'*Gaming Department* taht *Director of Operations* li kienet ekwivalenti ghal dak li kien *General Manager* ta' qabel u li kien irrizenja meta kienu hadu f'idejhom l-operat tal-Casino, ossia Dragonara Gaming Limited[26].

Is-sur Schembri semma' l-kompiti tal-erba' rikorrenti u beda biex qal li Gordon Clark kien responsabbli ghal *live tables, roulette*, black jack, u li kien iservi ukoll ta' *Poker Manager*. Is-sur Giancarlo Vecchioni kien jokkupa l-kariga ta' *Technical Manager*u s-sur Andrew Smith li kien jokkupa l-kariga ta' *Slots Floor manager* u *Cash Desk Manager*. Ghal din il-kariga, x-xhud sostna, li l-Awtorita` Maltija dwar il-Loghob (MGA) kienet gibditilhom l-attenzjoni ghaliha u dan peress li ma kienx accettabbli li din il-pozizzjoni kienet koperta mill-istess persuna. Ix-xhud sostna li kif kienet ma kienx hemm *checks and balances*.

Ix-xhud kompla jispjega dwar il-karigi li gew *redundant* u li nvestew f'*Management System* fejn kien hemm kollox konness ma' din is-sistema u li din is-sistema kienet eliminat hafna xoghol tal-karti u burokrazija.

Is-sur Johann Schembri sahaq li huma kienu mmlew postijiet li kellhom bzonn jintlew u sostna li huma kellhom madwar 208 impjegat meta huma kienu hadu l-Casino b'150 impjegat. Ix-xhud rega' sostna li l-karigi tal-erba' rikorrenti ma kienux gew sostitwiti, jigifieri li l-kargi taghom kienu gew aboliti (*abolition of post*)[27].

L-istess xhud rega' xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2012 fejn kompla jelabora fuq ir-rwoli tal-erba' rikorrenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol.Ix-xhud ikkonferma li bhala kumpanija huma qatt ma offrew alternattivi ohra lill-erba' rikorrenti bhala *order of employment* jew

[25] Seduta 2 ta' Marzu 2012, xiehda in kontro ezami, Johann Schembri, a fol 146 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[26] Seduta 2 ta' Marzu 2012, xiehda in kontro ezami, Johann Schembri, a fol 148 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[27] Seduta 2 ta' Marzu 2012, xiehda in kontro ezami, Johann Schembri, a fol 151 tal-process (Kaz Nru: 2840).

*downgrading* u dan ghax skont ix-xhud l-erba' rikorrenti ma kinux kompetenti ghall-istruttura tal-kumpanija taghhom (Dragonara Gaming Limited)[28].

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2012 xehed David Gray, prodott mir-rikorrenti u li kien jokkupa l-kariga ta' General Manager ta' Dragonara Casino Limited. Is-sur Gray qal li hu kien jokkupa din il-kariga minn meta l-Casino gie pprivatizzat mill-Gvern fis-sena 1998 sa ma ntilfet il-koncessjoni f' Gunju 2010.

Ix-xhud spjega r-rwoli tal-erba' rikorrenti fejn qal li ghal kull dipartiment kien hemm li kien responsabbli ghalih. Ix-xhud sostna li l-erba' rikorrenti kienu jiehdu hsieb l-operat li ghalih kienu responsabbli u li l-erba' li huma kellhom l-esperjenza mehtiega u kienu kompetenti f'xogholhom. Ix-xhud ghamel enfazi kemm hu mportanti li min ikun f'dan it-tip ta' xoghol ikun kompetenti u li jkollu t-tahrig necessarju u dan peress li fil-Casino hija xi haga endemika li jkun hemm min jipprova jqarraq. Ix-xhud sostna li r-rikorrenti Stephen Thornton kellu din l-esperjenza li kien jinduna b'dawn it-tip ta' persuni[29].

Mill-banda l-ohra Andrew Smith kellu l-esperjenza u tahrig necessarju f'sitwazzjonijiet ta' hasil ta' flus u frodi. Ix-xhud kompla jispjega li hu kien ha sehem fl-offerta sabiex il-kumpanija Dragonara Casino Limited terga' tiehu l-koncessjoni u dan ghax hu kien jahseb li bhala Casino l-kumpanija kienet viabbli. Ix-xhud qal li meta l-koncessjoni ntilfet hu ma kienx baqa' General Manager u hu kien thallas somma bhala *settlement*.

Ix-xhud sostna li l-kumpanija, Dragonara Gaming Limited, li hadet il-koncessjoni kienet intiza li zzomm lil kulhadd maghha u dan peress li l-Gvern, tramite l-kumpanija MIMCOL, permezz ta' ittra kien iggarantixxa li kull impjegat kien se jzomm l-impjieg.

Ix-xhud spjega li hu kien sorpriz li l-kumpanija Dragonara Gaming Limited ma kinitx zammet lill-erba' li kienu tkeccew mill-ewwel, meta kien hemm impjegati, bhal *Head Security and Surveillance* li kienu ghamlu sena sakemm gew itterminati.

In oltre, x-xhud sahaq li Dragonara Casino Limited kienet dejjem ghamlet il-profitti u dan ghalkemm ma kinux daqshekk sostanzjali. Ix-xhud sostna li kien minhabba l-fatt li Gvern kien dam bil-process wara li spiccat l-koncessjoni f'Gunju 2010 u kif ukoll minhabba delungar li ha sena ohra. Kien minhabba f'hekk li l-post kien beda jiddetterjora u jidher mitluq.  In oltre, x-xhud semma' li f'dak il-perjodu kienu qeghdin jifthu hafna "*illegal slots operators*" u li ghal Gvern ma kinux illegali[30].

Ix-xhud semma' li l-operaturi l-godda kienu se jmexxu b'mod ta' sistema *online*, u li l-istess kienet se taghmel il-kumpanija Dragonara Casino Limited, kieku rebhet l-offerta. Ix-xhud sahaq li ghalkemm kien se jkun hemm sistema gdida ta' teknologija hu ma kienx jabolixxi l-karigi tal-erba' rikorrenti u dan ghax xorta kien ghad hemm relevanza ghall-karigi taghhom. Ix-xhud sahaq

---

[28] Seduta 6 ta' Lulju 2012, xiehda in kontro-ezami ta' Johann Schembri, a fol 199, tal-process (Kaz Nru: 2840).
[29] Seduta 28 ta' Settembru 2012, xiehda ta' David Gray, a fol 216, tal-process (Kaz Nru: 2840).
[30] Seduta 28 ta' Settembru 2012, xiehda ta' David Gray, a fol 222, tal-process (Kaz Nru: 2840).

li kien se jaghmel ristrutturar tar-responsabbiltajiet tal-*managers* ghax dawn xorta riedu jamminstraw lill-impjegati. Ix-xhud sostna li l-*managers* kienu professjonali u kienu kompetenti f'xogholhom.

Ix-xhud wiegeb ukoll ghad-domandi in kontro-ezami fejn ikkonferma li hu kien beda n-negozjati mall-Unions fil-perjodu ta' privatizzar u li dan kien ghal Frar 1999. Ix-xhud sostna li dawn l-impjegati kienu mpjegati tal-Gvern[31].

Ix-xhud ikkonferma li qatt ma kien involut fir-ristrutturar ta' Dragonara Gaming Limted meta din hadet il-koncessjoni. Ix-xhud sahaq li l-persuna li kienet giet impjegata bhala expert tal-imwejjed tal-loghob ma kienx ahjar mill-*assistant managers* tieghu. Dan il-persuna, sostna x-xhud, kien Nick Roland.

Dwar Christian Derhart ix-xhud qal li dan kien avukat li hadem gewwa *casinos* fl-Afrika ta' Isfel u kompla billi qal, "*I know he was there and I know he was given instructions*"[32].

Xehed ukoll, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2013, is-sur Edmond Galea, ufficjal fi hdan il-Lotteries and Gaming Authority, kif kienet maghrufa dak iz-zmien. Is-sur Galea beda biex ipprezenta tlett rapporti, Dok. 'EG1', 'EG 2' u 'EG 32'[33]. Fis-seduta tat-12 ta' April 2013 rega' xehed l-imsemmi xhud fejn ipprezenta lista ta' managers sa dakinhar, lista ta' managers sa Gunju 2010 u dawk li gew itterminati[34].

Xehdet ukoll Charmaine Zammit fejn ipprezentat memo interna datata 12 ta' Lulju 2010 flimkien ma' roster tal-Managers mill-1 ta' Lulju 2010 sal-31 ta' Lulju 2010, Dok. CZ1 u CZ2 rispettivament[35].

Fl-istess seduta xehed ukoll Charles Borg fejn ipprezenta sett dokumenti dok CB1 sa CB 7, liema dokumenti huma ftehim datat 16 ta' Awwissu 2010, memo interna, x-xiehda transkritta ta' Johann Schembri, tal-kaz numru, 2849/FM fl-ismijiet Karmenu k/a Charles Borg vs Dragonara Gaming Limited, memo interna datata 30 ta' Lulju 2010, salarju mad-Dragonara Casino Limited, u salarju ma' Dragonara Gaming Limited, rosters ta' Awwissu u Settembru 2010, u x-xiehda transkritta ta' Elizabeth Ruthland, tal-kaz numru, 2849/FM fl-ismijiet Karmenu k/a Charles Borg vs Dragonara Gaming Limited[36]. Illi fix-xiehda taghha Elizabeth Rutland ikkonfermat li kienet saret laqgha f'Awwissu 2010 fejn hi u zewg haddiema ohra kienu nghataw il-kariga ta' *Gaming Managers*[37].

[31] Seduta 28 ta' Settembru 2012, xiehda ta' David Gray, a fol 225, tal-process (Kaz Nru: 2840).
[32] Seduta 28 ta' Settembru 2012, xiehda ta' David Gray, a fol 228, tal-process (Kaz Nru: 2840).
[33] A fol. 239, 240 u 241 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[34] A fol. 269 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[35] A fol. 270 sa fol 273 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[36] A fol. 274 sa fol 288 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[37] A fol. 288 tal-process (Kaz Nru: 2840).

Illi fis-seduta tat-12 ta' April 2013 xehdu Edmond Galea fejnipprezenta sett Dokumenti (Dok.EG1) u kompliet tixhed, in kontro-ezami, Charmaine Zammit li wiegbet ghad-domandi tar-rapprezentanta legali tar-rikorrenti.

Ix-xhud qalet li minn meta hadet l-operat tal-casino l-kumpanija Dragonara Gaming Limited, din kienet investit f'hafna teknologija u li beda jintuza hafna l-kompjuter. Dwar l-erba' rikorrenti x-xhud sostniet li xogholhom kien sostitwit bit-teknologija u li ghalhekk ma kienx hemm bzonn hafna nies u li kien hemm persuna wahda li issa kienet fil-grad ta' General Manager.

In oltre, x-xhud irrilevat li ma kinitx taf jekk min kien *assistant manager* lahaqx *manager* peress li ma kinitx baqghet tahdem hemm u cioe` sal-2012. Sa dakinhar ix-xhud sahqet li kienu ghadhom bil-grad ta' *Assistant Managers*. Ix-xhud qalet li kienet tokkupa l-kariga ta' *Human Resources Executive*. Ix-xhud ikkonfermat li min kien *assistant manager* kien ha xi zieda fil-paga, u kif ukoll xi *allowances*[38].

Ix-xhud sostniet li ma kinitx taghmel ir-roster tal-managers, hi kienet taghmel tal-haddiema li kienu jkunu responsabbli mill-imwejjed tal-loghob. Dwar meta kienu jinqaghlu xi problemi, x-xhud qalet li dawn kienu jiehdu hsiebhom A*ssistant Gaming Managers* flimkien mas-*Surveillance Manager*.

Ix-xhud qalet li l-maggior parti tax-xoghol li kienu jaghmlu l-erba' rikorrenti kien spicca u dak li kien fadal kien tqassam bejn il-managers l-ohra, u li uhud minnhom kienu mpjegati ma' Dragonara Casino Limited u meta ma jkunx hemm il-managers kienu jiehdu hsieb id-diretturi, u meta jkunx hemm id-diretturi kienu jiehdu hsieb l-*assistant managers.* Dawn l-*assistant managers* kienu, Elizabeth, Shane, u Charles[39].

Ix-xhud Charmaine Zammit sahqet li certu xoghol bhal ma kien ta' *Cash Desk Manager* ma kienx hemm bzonnu aktar u dan peress li bit-teknologija kien gie ffacilitat ix-xoghol, u dan ghax gew amalgamati f'wiehed.

L-istess ghal dak li kien jaghmel ir-rikorrent Gordon Clark, fejn il-karigi li kellu ta' *Poker Manager* u *Gaming Manager* u li sakemm kien ilha hemm ix-xhud kien jiehu hsieb kollox wiehed mill-ispetturi. Cio nonosatnte, x-xhud sahqet li l-loghba tal-poker baqghet hemm.

Ix-xhud sostniet li wara li spiccaw l-erba' rikorrenti r-rwol taghhom bdew jaghmluh l-*assistant managers.*

Ghad-domanda in ri-ezami x-xhud wiegbet li peress li l-slots machines u Cash Desk kienu flimkien dawn kienu gew separati sabiex ikun jista' jsir l-iccekkjar mehtieg. Pero` l-i*slots machines* gew amalgamati mall-*gaming* u l-*cash desk* mas-sezzjoni tal-finanzi.[40]

[38] Xiehda in kontro-ezami ta' Charmaine Zammit seduta tat-12 ta' April 2013, a fol 321 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[39] Ibid a fol 324 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[40] Xiehda in ri-ezami ta' Charmaine Zammit seduta tat-12 ta' April 2013, a fol 331 tal-process (Kaz Nru: 2840).

Fl-istess seduta rega' xehed Charles Borg, li spjega li kien ilu 37 sena jahdem ma' Dragonara Casino Limited u li kien jokkupa l-kariga ta' *Assistant Gaming Manager*. Ix-xhud sostna li kienet is-socjeta` ntimata li kienet waqfitu mix-xoghol u li kellu kaz pendenti quddiem it-Tribunal. Ix-xhud spjega li ftit wara lilu u lil zewg haddiema ohra kienu nghataw promozzjoni ghall-*Gaming Managers.* Ix-xhud qal li din il-promozzjoni nghatat ftit wara li s-Socjeta` ntimata kienet hadet l-operat tal-Casino, u cioe` ghall-ahhar gimgha ta' Gunju 2010. Ix-xhud sostna li kienu hadu ukoll zieda fis-salarju taghhom.

Ix-xhud sosta li meta hu u z-zewg haddiema l-ohra Ruth Ruthland u Shane Mercieca kienu hadu din il-promozzjoni izda f'laqgha li kellhom ma' Johann Schembri dan kien qallhom li ghalissa se jibqghu jissejhu A*ssistant Gaming Mangers* peress li kien hemm il-possibbilita` li l-erba' rikorrenti jifthu kawza. Is-sur Borg ipprezenta ukoll ftehim (Dok. 'CB1) li kien ghamel ma' Pierre Zammit fejn hu kien inghata telefon cellulari u f'kaz li jispicca dan kellu jirritornah [41].

L-istess xhud rega' xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-26 ta' Mejju fejn irrisponda ghad-domandi tal-konsulenta legali tas-socjeta' ntimata. Ix-xhud wiegeb li hu kien ilu mpjegat hafna qabel l-erba' rikorrenti u li kien jaf kien li Stephen Thornton kien *Senior Manager*, Gordon Clark kien *Manager*, Andrew Smith *Cash Desk Manager* u Giancarlo Vecchioni mall-magni tal-loghob (*slots machines*). Ix-xhud qal li hu kien ingahta promozzjoni ghall-Manager mis-Socjeta` ntimata izda mas-socjeta` Dragonara Casino Limited hu kien jokkupa l-kariga ta' *Assistant Manager*[42].

Ix-xhud qal li certi tibdil xorta kien baqa' jsir minn Dragonara Casino Limited bhal korsijiet ghall-impjegati u certi magni tal-loghob kienu jinbidlu ukoll.

Ix-xhud sostna li taht is-socjeta` ntimata l-erba' rikorrenti ma tantx damu mpjegati izda sakemm kienu taht is-socjeta` Dragonara Casino Limited. Ix-xhud spjega kif kien inghata l-promozzjoni flimkien ma' tlett impjegati ohra u cioe` wara li kienu tkeccew l-erba' rikorrenti. Ix-xhud ikkonferma li kien inghata certi beneficcji ohra bhal *allowance* ghall-karozza, performance bonus, u telefon cellulari. Ix-xhud sostna li hu flimkien mall-impjegati l-ohra li kienu nghataw il-promozzjoni kienu ser ikunu responsabbli ghall-magni tal-loghob (*slots machines*) ukoll u kif ukoll mill-imwejjed tal-loghob kif kienu qabel.

Ix-xhud baqa` jwiegeb id-domandi tal-konsulent legali tas-socjeta` ntimata u rigward jekk kienx sar ristruttar minn Dragonara Gaming Limited, ix-xhud wiegeb li kien sar, l-aktar li kienu nbidlu hafna magni tal-loghob[43].

Ir-rikorrent, Stephen Thornton, xehed fis-seduta ta-1 ta' Frar 2013 fejn ir-rikorrent spjega l-irwol tieghu gewwa l-Casino li kien mhux biss id-deputat tal-General Manager meta kien ikun assenti izda jikkontrolla l-imwejjed u l-magni tal-loghob. In oltre, r-rikorrent kien ukoll responsabbli mill-bzonnijiet tal-klijenti, jiehu hsieb il-*budget*, responsabbli mill-*payroll*, jara li d-dmirijiet tal-

---

[41] Xiehda ta' Charles Borg, seduta tat-12 ta' April 2013, a fol 340 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[42] Xiehda in kontro ezami ta' Charles Borg, seduta tat-26 ta' Mejju 2013, a fol 406 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[43] Xiehda in kontro ezami ta' Charles Borg, seduta tat-26 ta' Mejju 2013, a fol 409 tal-process (Kaz Nru: 2840).

haddiema kienu qeghdin isiru, kien ukoll jikkomunika ma' Bord tal-Loghob kif kien maghruf f'dak il-perjodu, u li sussegwentment sar il-*Lotteries and Gaming Authority*. Ir-rikorrent kien ukoll responsabbli mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-ligi, f'kaz ta' bzonn, kien jikkommunika mall-*Food and Beverage Operation, Security and Surveillance*, mal-i*SLots Operation* u mall-*Cash Desk Manager*. Kien jiehu hsieb it-tahrig tal-impjegati (*pit bosses*) u l-*managers*, u kif ukoll responsabbli mill-hasil ta' flus (*money laundering*)[44].

Dan ix-xoghol ir-rikorrent dam jaghmlu sa ma gie tterminat l-impieg tieghu, u cioe` sa Gunju 2010. Ir-rikorrent sostna li sakemm saret il-koncessjoni kienu ghaddew xi xhur u dan kien xi ftit ta' trawma peress li ma kien ghad hemm xejn car. Ir-rikorrent kompla billi qal li kien gie deciz li jkun hemm 'smooth handover' mill-operatur il-qadim (Dragonara Casino Limited) u dak gdid (Dragonara Gaming Limited). Dan il-process kien issorveljat mill-Awtorita` tal-Lotteriji u Loghob. Dan sar biex ma jkunx effettwat il-valur finanzjarju tan-negozju li kien issa se jkun gestit mill-operatur il-gdid. Ir-rikorrent sahaq li l-*General Manager* kien ta struzzjonijiet sabiex jikkoperaw mall-operatur il-gdid u kemm hu, kemm Andrew Smith u kemm Giancarlo Vecchioni kellhom xi laqghat mad-diretturi tal-operatur il-gdid.

Ir-rikorrent sostna li qatt ma kienu naghtaw l-impressjoni li ma kienx hemm bzonn il-kapacitajiet l-esperejnza taghhom mill-kumpanija l-gdida. Ir-rikorrent, Thornton, jirrimarka li kollox kien jidher li kien se jkun kif kien gie promess mill-MIMCOL, u cioe` li kienu kull haddiem kien izomm il-posizzjoni tieghu[45].

Ix-xhud spjega li fit-18 ta' Gunju 2010 hu kien gie msejjah biex imur fl-ufficcju ta' Pierre Zammit, il-General Manager il-gdid fejn kien inghata l-ittra ta' terminazzjoni u cekk ta' €19,854 a saldu tal-leave u l-perjodu ta' notice. Ix-xhud qal li hu kien sorpriz b'dan kollu ghax qatt ma stenna li kien se jigri hekk. Ir-rikorrent sostna li hu ma kienx accetta c-cekk a saldu u rega' ghaddieh lill-kumpanija.

Ix-xhud sostna li hu qatt ma naghta l-opportunita` li juri l-abbiltajiet tieghu lill-kumpanija l-gdida (Dragonara Gaming Limited) u qatt ma saritlu xi offerta. Li kien inghata, sahaq ir-rikorrent, kien cekk u ittra li spicca mill-impjieg u kien eskortat 'il barra mill-binja mill-ufficjali tas-sigurta`[46].

Ir-rikorrent sahaq li hu kien tterminat mill-impjieg tieghu fit-18 ta' Gunju 2010, u li ma kienx jemmen li l-rwol tieghu kien gie *redundant* u dan peress li kien hemm bzonn persuna go post bhal ma hu l-Casino sabiex tiehu decizjonijiet fuq kwistjonjiet li jinqaghlu tard bil-lejl u dan peress li Casino jopera erbgha u ghoxrin siegha. Thornton sostna li jkun hemm bzonn ta' decizjonijiet fuq sitwazzjonijiet u problemi frekwenti u li ghalihom trid tittiehed decizjoni dak il-hin stess, bhal ma huma kwistjonjiet li jirrigwardjaw il-harsien tal-ligi, liema decizjonijiet ghandhom ikunu fl-ahjar interess tal-kumpanija.

---

[44] Seduta 1 ta' Frar 2013, xiehda ta' Stephen Thornton, a fol. 248 tal-process (Kaz Nru:2840).
[45] Ibid, a fol. 250 tal-process (Kaz Nru: 2840).
[46] Ibid, a fol. 250 tal-process (Kaz Nru: 2840).

Thornton irrimarka li meta jinqaghlu problemi gewwa Casino ma' klijenti, dawn l-ewwel ma jsaqsu hu, ghall-manager. Hu sahaq li go Casino l-problemi li jkollhom il-klijenti jkunu fuq flus u ghalhekk dejjem irid ikun hemm persuna li tkun dejjem prezenti sabiex isolvi dawn il-problemi.

In oltre, r-rikorrent spjega li persuna fil-pozizzjoni tieghu trid tkun kapaci mhux biss mentalment izda ukoll, fizikament. Ir-rikorrent sostna li persuna f'din il-kariga irid ikollha l-qies tal-idejn addattati ghal dan ix-xoghol. Thornton sahaq li kull min ikun impjegat go Casino, ikun x'ikun ir-rwol tieghu, irid ikun jaf l-funzjonijet tal-loghob partikolari u kif ukoll kull theddida potenzjali ghas-sigurta` ta' dak il-Casino. Thornton sostna li l-mod kif wiehed jitghallem jiddependi minn dak il-persuna, hawn min jitghallem malajr u hawn min idum ftit biex jitghallem[47].

Thornton kompla jixhed fejn spjega li persuna bhala jghallmu lill-impjegati dwar il-loghob u permezz ta' hekk tinholoq relazzjoni familjari. Thornton sahaq kif meta kienu jsiru l-interviews hu kien ikollu biss bejn ghaxra u hmistax-il minuta sabiex jinduna li l-kandidat ghandu l-hiliet necessarji biex jidhol f'dan il-mestier.

Ir-rikorrent irrileva li hu kien ukoll ihejji r-roster, u li dan ix-xoghol ukoll kien jirrikjedi certu esperjenza f'dan il-qasam ta' xoghol. Thornton dwar il-fatt li hu ma accettax ic-cekk a saldu, sahaq li l-kumpanija (Dragonara Gaming Limited) ma aggixxietx sew mieghu u li lanqas ma ghamlitlu offerta, bhal ma lanqas taghtu opportunita` biex juri l-kapacitajiet tieghu[48].

Dwar is-salarju tieghu r-rikorrent wiegeb li dan €94,008 fis-sena fi Frar tas-sena 2010. In oltre, Thornton sostna li wara li spicca kien sab impjieg iehor ma' kumpanija lokali tal-*online gaming* f'Ottubru tas-sena 2011. Ir-rikorrent qal li bhala salarju ghandu hafna anqas minn dak li kellu, fejn sostna li mall-kumpanija l-gdida kellu €50,000 fis-sena[49].

In kontro-ezami Thornton qal li bhala kariga ta' *Tables Operation Manager* kien hemm hu biss. Ir-rikorrent qal li ghalkemm hu kien deputy tal-General Manager David Gray, bhala salarju hadd mill-managers l-ohra ma kellu s-salarju li kellu hu.

Dwar il-fatt li *Tables Operations* u *Slots Operations* kienu gew maghqudin flimkien, Thornton sostna li dan kien jiddependi mill-mod kif kien sar irristrutturar mill-kumpanija l-gdida. Ir-rikorrent kompla jishaq li hu qatt ma kien inghata opportunita` li juri l-kapacitajiet tieghu mill-kumpanija l-gdida[50].

Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2014, ir-rikorrent kompla jixhed in kontro-ezami fejn qal li hu kien offrut pozizzjoni ta' General Manager fil-Casino tal-Kajr, l-Egittu mill-kumpanija Dragonara Casino Limited, u li hu ma kienx accetta, liema kariga kienet fi hdan l-istess kumpanija. Dan kien xi sena qabel it-terminazzjoni tal-koncessjoni tal-operat tas-socjeta` Dragonara Casino Limited.

---

[47]Seduta tal-1 ta' Frar 2013, xiehda ta' Stephen Thornton, a fol. 254 tal-process. (Kaz Nru: 2840)
[48]Ibid, a fol. 256 tal-process. (Kaz Nru: 2840)
[49]Ibid, a fol. 257 tal-process. (Kaz Nru: 2840)
[50]Ibid, a fol. 257 tal-process. (Kaz Nru: 2840)

Dwar it-terminazzjoni tal-koncessjoni, Thornton sostna li ghalkemm din kellha tiehu sena fil-fatt kien hemm estensjoni ta' tlett xhur ohra.

Ir-rikorrent qal li bhala loghob hu kien introduca loghba gdida u li kienet giet introdotta minn Dragonara Casino Limited u kif ukoll kien jaghmlu loghob fuq skala internazzjonali, kienu minn tal-ewwel li jaghmlu *cash games*, *pop limits games* u *fixed limit games.* Ir-rikorrent sahaq li wara kullhadd ghamel l-istess bhal ma kienu ghamlu huma (Dragonara Casino Limited)[51].

Thornton sostna li hu kelli diversi responsabbilitajiet ma' Dragonara Casino Limited u li diversi mpjeagti kienu jirrispondu lilu bhal Charles Borg u Joseph Barbara. In oltre Thornton semma' ukoll lil Jason Holder, *Head of Security and Surveillance*, lil Giancarlo Vecchioni, lil Andrew Smith, u lil Gordon Clark, u cioe` t-tlett rikorrenti *nomine*[52].

Stephen Thornton baqa' jsostni li hu kien ikopri rwoli mall-*managers* l-ohra meta kienu jkunu assenti[53]. Dwar Charles Borg, Thornton qal li dan kien ghadu jitghallem u kien awtorizzat jaghlaq in-*night shifts*. Thornton qal li kienet is-Socjeta` ntimata li tat promozzjoni lil Charles Borg u li x-xoghol tieghu ma kienx duplikat jew ripetut (*overlapping*) ma' tieghu, u dan ghax Borg kien f'kariga anqas u kien ghadu qed jitghallem minghand Joseph Barbara.

Thornton kompla jwiegeb domandi dwar ir-rwol tieghu fejn spjega li kien ukoll involut fi kwistjonjiet ta' dixxiplina u tkun involuta l-Union. Kien ukoll jikkomunika mall-Awtorita` dwar il-Lotteriji u Loghob (LGA) kif kienet maghrufa dak iz-zmien.

Thornton sostna li l-involviment tieghu kien dwar irristrutturar tal-gaming floor u dan peress li hu, flimkien ma' ohrajn, kien attenda ghal zewg laqghat. Thornton sahaq li hu qatt ma kien involut mill-aspett finanzjarju[54].

Thornton sahaq li l-kumpanija l-gdida ma ghamlitx uzu mill-haddiema li kellhom l-aktar esperjenza bhal ma kien hu, li kellu 33 sena esperjenza.Ir-rikorrent sostna li kieku qalulu l-verita` ma kienx idum sa Ottubru 2011 sabiex isib impieg izda bejn sitta u disa' xhur. In oltre, r-rikorrent qal li hu pprova jwaqqaf kumpanija tieghu peress li kellu loghba li kien ivvinta hu stess u li kienet approvata u licenzjata (*patented*), izda ma kienx facli li jippenetra f'dan is-suq.

## Trattazjoni Finali

Iz-zewg rapprezentanti legali tal-partijiet kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol ipprezentaw zewg noti ta' osservazzjonijiet, in-nota tar-rikorrenti giet intavolati fir-Registru tat-Tribunal fit-13 ta' Frar 2018 u n-nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta` ntimata giet ipprezentata fis-27 ta' Marzu 2018.

---

[51]Seduta 17 ta' Frar 2014, a fol. 369 tal-process. (Kaz Nru: 2840)
[52]Ibid, a fol. 371 tal-process. (Kaz Nru: 2840)
[53]Ibid, a fol. 372 tal-process. (Kaz Nru: 2840)
[54]Ibid, a fol. 383 tal-process. (Kaz Nru:2840)

Illi fin-nota ta' osservazzjonijet tar-rikorrenti gie kkunsidrat li t-terminazzjoni tal-erba' rikorrenti kienet kawza ta' ristruttazzjoni fil-gradi manigerjali. Fl-imsemmija nota tar-rikorrenti ssir referenza ghax-xiehda ta' Charmaine Zammit fejn din i-xhud sahqet li din it-terminazjoni saret peress li kienu gew investiti hafna flus f'teknologija gdida.

Cio nonostante fin-nota gie rrimarkat li din ix-xhud (Zammit), in kontro-ezami, meta giet mistoqsijha liema kienu l-karigi li kienu gew *phased out*, din ix-xhud irrispondiet b'mod kontradittorju, u dan peress li l-ewwel qalet li kien hemm persuna wahda (*Gaming Manager*) li tiehu hsieb s-*slots machines* u l-imwejjed tal-loghob, u sussegwentment wiegebet li kien hemm diversi *Assistant Managers* li kienu jiehdu hsieb. In oltre, gie ukoll osservat li l-persuni li kienu jokkupaw il-kariga ta' *Assistant Managers* dawn kienu inghataw zieda fil-paga u kif ukoll certi beneficcji, bhal telefon cellullari[55].

Fin-nota tar-rikorrent ssir referenza ghal dak li xehed Carmelo (Charles) Borg li kien impjegat mall-Casino ghal 37 sena. Ir-rikorrenti jsostnu, fin-nota taghhom, li dan ix-xhud ikkonferma li kien jokkupa l-kariga ta' *Assistant Manager* ma' Dragonora Casino Limited u li kien inghata promozzjoni ghal *Gaming Manager* mis-Socjeta` ntimata, flimkien ma' zewg impjegati ohra, Elizabeth Ruttland u Shane Mercieca, u dan wara li s-Socjeta` Dragonara Gaming Limited hadet il-koncessjoni tal-Casino. In oltre dan ix-xhud kien xehed li kienu qalulhom sabiex ma jghidux li kienu saru managers peress li r-rikorrent (Thornton) u t-tlett managers l-ohra, ossia r-rikorrenti *nomine*, kienu se jifthu kawza, u li kien ukoll issemma l-perjodu ta' sena[56].

Fl-imsemmija nota tissemma' x-xiehda ta' Pierre Zammit li ukoll kien inghata promozzjoni ta' *Casino Director* mis-socjeta`ntimata. Dan ix-xhud, isostni r-rikorrent fl-imsemmija nota, li l-introjtu tal-Casino kien naqas peress li kien fetah casino iehor fis-sena 2006. Dan ix-xhud jirrileva ukoll s-socjeta` Dragonara Casino Limited ma kinitx ghamlet investimenti fit-teknologija u li dan il-fattur ukoll ikkontribwixxa sabiex ikun hemm nuqqas ta' dhul ghall-Casino. Dan ix-xhud skont ir-rikorrenti, naqas milli jikkonferma jew jirrigetta jekk l-investiment fit-teknologija mis-socjeta` ntimata kienx affettwa lill-erba' rikorrenti b'tali mod li l-karigi taghhom kienu gew *redundant*.

Illi dwar persuni ohra, ix-xhud, Pierre Zammit, ma kienx f'pozizzjoni li jiddikjara jekk dawn kinux gew promossi ghal grad ta' *manager* izda kkonferma li hekk kienu deskritti fuq ir-*roster sheet*.

In oltre, gie osservat mir-rikorrent li dan ix-xhud meta gie mistoqsi dwar l-impjieg li kien inghata li diversi persuni, u dan fiz-zmien wara li kien gie tterminat l-impjieg tal-erba' rikorrenti, fosthom Svetlana Bukova u Karen Hansford, dan ix-xhud wiegeb li dwar Karen Hansford ma kien jaf xejn u dwar Bukova li din kienet *Player Development Manager*. Fin-nota tar-rikorrenti ssir referenza ghad-dokumentazzjoni tal-E.T.C., li z-zewg impjegati, ossia Svetlana Bukova giet

---

[55] Nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent, a fol 274 tal-process (Kaz Nru: 2843).
[56] Ibid, a fol. 274 tal-process (Kaz Nru: 2843).

impjegata bhala *Operations Manager* b'effett mid-9 ta' Novembru 2010, u Karen Hansford giet impjegata bhala *Gaming Floor Manager* b'effett mit-8 ta' Lulju 2010[57].

Illi dwar ix-xiehda ta' Johann Schembri, ir-rikorrenti, fin-nota taghhom, jsostnu li dan ix-xhud kien ta biss opinijonijet tieghu dwar in-nuqqas ta' staff, u li beda jirreferi ghall-fatturi ohra meta dan gie mistoqsi dwarhom. In oltre, dan ix-xhud ikkonferma in kontro-ezami li kienu gew impjegati persuni godda flok l-erba' rikorrenti, izda b'paga inqas minn taghhom.

Di piu', gie osservat mir-rikorrent, li dan ix-xhud ikkonferma li xorta kien hemm bzonn xoghol ta' supervizjoni, liema xoghol kien isir mill-*Managers* li kien gew *redundant.*

In oltre, dan ix-xhud ikkonferma ukoll li kienu nghataw promozzjonijiet lil xi whud mill-*Assistant Managers* wara t-terminazzjonital-impieg tal-erba' rikorrenti u xi *managers* ohra. In oltre, r-rikorrenti qatt ma gew offruti xi impjieg iehor fi hdan il-kumpanija, nkluz kariga anqas fil-grad[58].

Dwar dak li xehed David Gray gie osservat mir-rikorrent, illi meta kienet se tinghata l-koncessjoni lill-entita` l-gdida, ossia, s-Socjeta` ntimata, kien gie assigurat mill-MIMCOL li l-impjegati kienu ser jinzammu mill-operaturi l-godda.  Ir-rikorrent jsostni, fin-nota tieghu, li dan ix-xhud iddikjara li l-karigi tal-erba' rikorrenti ma setghu qatt jkunu aboliti, u dan peress li xorta kien mehtieg li kemm il-haddiema u kemm in-negozju kellhom bzonn ikunu mmaniggjati. Ir-rikorrent rrimarka ukoll dwar dak li xehed David Gray, ossia dwar il-fatt li qabel il-koncessjoni il-*work force* kienet gia tnaqqset. In oltre, kompla dan ix-xhud, il-persuni li kien hemm kienu nies professjonali u kompetenti f'dan il-qasam. Ir-rikorrentrrimarka ukoll li dan ix-xhud sahaq li r-raguni il-ghaliex ma kienx sar immodernizzar mis-socjeta` Dragonara Casino Limited kienet peress li l-koncessjoni kienet ser tittermina[59].

Illi fil-konsiderazzjonijiet ta' dritt u apprezzament tal-fatti r-rikorrent, fin-nota tieghu, jaghmel referenzi ghal diversi punti legali li gew issollevati matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol.

Ir-rikorrent jirreferi ukoll ghad-dispozizzjonijiet tal-ligi li huma applikabbli ghal din il-kwistjoni ta' xoghol u jiccita l-artikoli 37 u 38 tal-Kap 452 u kif ukoll il-Legislazzjonijiet Sussidjarji 452.80 u 452.85.

Illi r-rikorrent fin-nota tieghu jaghti r-ragunijiet tieghu il-ghaliex il-linja difenzjonali tas-socjeta` ntimata ma treggix u dan b'referenza ghal-*proviso* ta' artikolu 5 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85[60].

Ir-rikorrent jishaq li hu u tlett rikorrenti gew itterminati mill-impieg b'effett immedjat permezz ta' ittra datata 18 ta' Gunju 2010.Mill-banda l-ohra kemm Johann Schembri u kemm Nicholas Rowland, fix-xiehda taghhom, iddikjaraw li huma kienu ltaqghu mall-impjegati tal-Casino ftit

---

[57] Ibid, a fol. 275 tal-process (Kaz Nru: 2843).
[58] Nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent, a fol. 276 tal-process (Kaz Nru: 2843).
[59] Ibid, a fol. 277 tal-process (Kaz Nru:2843).
[60] Nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent, a fol. 279 tal-process (Kaz Nru: 2843).

jiem qabel it-trasferiment. Iz-zewg xhieda kienu lmentaw li ma kienux inghataw informazzjoni adegwata dwar l-operat tal-Casino.

Ir-rikorrent jaghmel referenza ghal dawk l-impjegati li kienu b'kariga ta' *Assistant Managers* mas-socjeta` Dragonara Casino Limited, u li nghataw promozzjoni ghall-*managers* immedjatament wara t-terminazzjoni tal-erba' rikorrenti mis-socjeta`ntimata. Ir-rikorrent jsemmi li fost dawk li kienu nghataw il-promozzjoni kien hemm Carmelo, sive Charles Borg[61].

Ir-rikorrent ukoll jishaq fin-nota tieghu ghall-fatt, u dan ghal kuntrarju ghal dak allegat mis-Socjeta` ntimata, li kien hemm sejha ghall-ingagg ghal *Director of Operations* u *Player Development Manager*, u li kienu gew impjegati zewg persuni godda, Svtelana Bukova u Karen Hansford, it-tnejn fi gradi manigerjali. Ir-rikorrent jargumenta li dan hu kollu loghob bl-appellativi u titoli, kemm ghall-irwoli u kemm ghall-karigi bl-intendiment li jissostitwixxu lill-erba' rikorrenti[62].

In oltre, r-rikorrent jishaq li hu qatt ma nghata l-opportunita mis-socjeta`ntimata li juri l-kapacitajiet tieghu fix-xoghol tieghu u ghalhekk l-istess ntimata ma tistax targumenta li r-rikorrent ma kienx kapaci fix-xoghol tieghu, jew xoghol iehor fi grad iehor.

Ir-rikorrent jaghmel referenza ukoll ghall-fatt li kien hemm fatturi ohra u li kienu fatturi esterni u estranei ossia, l-ftuh ta' casino iehor f'Malta u b'hekk zdiedet il-kompetizzjoni f'dan il-qasam, u li dan kollu kkontribwixxa sabiex ikun hemm nuqqas ta' dhul ghall-istess Casino.

In oltre, r-rikorrent jissottometti li hu l-anqas biss inghata opportunita` sabiex juri l-abbiltajiet tieghu mas-Socjeta` ntimata u dan stante t-terminazzjoni mill-impjieg u kif ukoll lanqas hadem il-perjodu tat-terminazzjoni.

Illi l-argument tad-direttur tas-Socjeta` ntimata li tittermina l-impieg tar-rikorrent u r-rikorrenti l-ohra, minhabba li l-operat tal-Casino kien mar lura, ma kienx argument li jreggi, meta gie ammess li kienet is-Socjeta` ntimata li ziedet l-impjegati. Fin-nota tar-rikorrent hemm rilevat li mhux talli r-rwol tar-rikorrent kein gie abolit, izda kienu nghataw promozzjonjiet ghal grad ta' managers lill-*Assistant Managers*[63].

Fl-imsemmija nota tar-rikorrent issir diversa referenza ghall-kazistika dwar dan is-suggett in materja. L-aktar kazistika hija dik dwar il-kwistjoni ta' *redundancy*.Fin-nota tar-rikorrent spjegat li s-Socjeta` ntimata tterminat ix-xoghol tar-rikorrent minhabba l-paga gholja li dan kellu[64].

Illi fl-istess nota hemm referenza ghad-decizjoni tal-Kwistjoni ta' Xoghol, deciza fl-1 ta' Lulju 2011 bejn, David D'Anastas u Thermoplastics Limited, fejn gie kkonsidrat li sabiex haddiem ikun meqjus *redundant* li ma jkunx hemm xoghol u mhux ix-xoghol tieghu jinghata lill-terzi. In oltre,

---

[61] Ibid a fol. 278 tal-process (Kaz Nru: 2843).
[62] Nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent, a fol. 276 tal-process (Kaz Nru: 2843).
[63] Ibid, a fol. 280 tal-process, (Kaz Nru:2843).
[64]Ibid, a fol. 281 tal-process. (Kaz Nru:2843).

ssir referenza ghall-kwistjoni ta' xoghol bejn Mario Psaila vs Melita p.l.c. deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Gunju 2012. F'din is-sentenza hemm riportat li pozizzjoni meta tinghata lis-sostitut ta' dik il-persuna li jkun gie ddikjarat *redundant*, dik il-pozizzjoni lanqas hemm il-htiega li tkun identika, izda sufficjenti li tkun simili ta' dik il-pozizzjoni[65].

Fl-istess nota hemm ukoll rilevat il-mod kif ir-rikorrent, Stephen Thornton, qatt ma kien gie avzat li l-impieg tieghu kien se jkun itterminat u dan peress li kien gie tterminat hesrem. Dan kollu tellef lir-rikorrent li jkollu l-opportunita` li jfittex impieg alternattiv u dan peress li ma kienx avzat b'mod tempestiv.

Fl-istess nota r-rikorrent jissottometti li hu kien zviluppa lobgha sabiex tkun tista' tintuza gewwa l-*casinos*. Il-hsieb kien li din il-lobgha tintuza ukoll fid-Dragonara Casino, liema hsieb ma sehhx stante it-terminazzjoni mill-impieg tieghu. In oltre, l-istess rikorrent kien irriskontra diffikultajiet finanzjarji minhabba li l-imsemmija lobgha ma kinitx giet introdotta, u dan peress li kien zdied ir-*remote gambling*. Dan kollu, jsostni r-rikorrent fin-nota tieghu, gab telf u tbatija fianzjarja u dam minghajr impjieg ghal aktar minn sena, precizament sa Ottubru 2011 meta kien rega' sab impjieg[66].

In-nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta` ntimata tibda billi taghmel enfazi li d-diretturi tas-socjeta` ntimata huma negozjanti fl-industrija tal-loghob kemm lokalment u kemm internazzjonalment.

Is-Socjeta` ntimata tirrimarka fuq l-istat fqir tal-Casino fl-2010 u li kien hemm telf eccessiv u dan stante li ma kienx sar investiment fir-rizorsi u l-innovazzjoni u dan peress li kien hemm it-terminazzjoni li kienet imminenti. Illi dan kollu wasal sabiex l-operatur il-gdid, ossia, s-socjeta` ntiamat kellha taghmel investimenti kbar u dan sabiex il-Casino jerga' jiehu l-hajja u jkun kompetittiv.

Fl-imsemmija nota ssir referenza ghall-erba' rikorrenti u li r-rwol taghhom ma kienx jikkombaca mall-organizazzjoni u r-ristrutturar gdid li kien qieghed isir fil-Casino. In oltre, ekonomikament, u ghal din ir-raguni kellhom l-impieg itterminat, l-erba' rikorrenti kellhom salarji ta' circa €500,000 fis-sena u kien ta' piz ghas-socjeta` ntimata. Di piu', l-irwol tal-erba' rikorrenti gie assorbit mid-diretturi u l-azzjonisti stess, u dan peress li kellhom l-esperjenza mehtiega fl-industrija tal-loghob[67].

Is-Socjeta` ntimata tibbaza l-argument taghha dwar dak li hemm stipulat fil-*proviso* ta' artikolu 5 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85, u cioe` Regolamenti dwar il-Harsien tal-Impjiegi fit-Trasferimenti ta' Negozju (TUPE). L-intimata tishaq li tkeccija ghal ragunijiet ta' natura

[65]Ibid, a fol. 281 tal-process. (Kaz Nru: 2843).
[66]Nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta` ntimata, a fol. 282 tal-process. (Kaz Nru: 2843)
[67] Ibid, a fol. 284 tal-process (Kaz Nru: 2843).

ekonomika, teknika, jew sabiex isir organizazzjoni hija accettabbli. Is-Socjeta` ntimata tillanja li r-rikorrent kellu salarju stravaganti kellu circa €70,000 annwi bhala paga fis-sena 2009[68].

Is-Socjeta` ntimata tinsisti li dan huwa kaz ta' terminazzjoni minhabba ri-organizazzjoni kumplessa u t-terminazzjoni saret stante r-ragunijiet ekonomici, teknici u organizzattivi.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-Socjeta` ntimata, taghmel referenza ghax-xiehda ta' diversi persuni li xehdu f' din il-kwistjoni ta' xoghol li kkonfermaw li kien hemm bzonn li jsir ristrutturar fil-Casino.

In oltre, ssir referenza ghall-affidavit tal-erba' rikorrenti u gie sottomess li dawn huma identici. Is-Socjeta` ntimata, fin-nota taghha, ssostni li l-kaz in dezamina ma ghandux jigi pparagunat ma' fabbrika tal-ghamara jew xi hanut. L-operat ta' Casino jinvolvi investimenti ta' miljuni kbar u huwa propju dan li l-erba' rikorrenti ma fehmux. In oltre, gie sottomess li l-erba' rikorrenti kellhom xoghol irduppjat u l-erba' li huma kienu jaghmu x-xoghol ta' xulxin.

Di piu', gie rilevat fin-nota tal-intimata li l-erba' rikorrenti ppretendew li jigi moghti lilhom rwol gdid meta fil-verita` kien hemm biss tlett rwoli, ossia, *Player Development Manager*, *Gaming Manager*, *Operations Manager*.

L-intimata spjegat dawn ir-rwoli wiehed wiehed, fejn ghar-rwol ta' *Player Development Manager* gie sottomess li dan ma kienx biss limitat biss ghall-imwejjed tal-loghob jew ghall-*islots machines* izda kien jehtieg esperjenza f'*marketing* fuq livell internazzjonali. Dan ir-rwol kien gie kopert minn Pierre Zammit specjalment ghall-*marketing* u li sussegwentment kien irrizenja u li kif semmiet ix-xhud, Charmaine Zammit, dan ir-rwol kien ukoll jinkorpora fih dak ta' *Junkit Manager*. In oltre, sussegwentment dan ir-rwol kien gie fdat lil Svetlana Bukova. Is-Socjeta` ntimata ssostni li r-rikorrent ma kellux l-esperjenza mehtiega ghal dan ir-rwol u dan stante li kellu biss esperjenza tal-magni tal-*islots,* liema sistema kienet skaduta u mhux fil-*maketing*[69].

Gie ukoll rilevat li l-persuni li kienu gew promossi ghall-karigi ta' *managers (Gaming Manager)* kienu kollha subordinati tar-rikorrent. Is-Socjeta` ntimata ssostni li Thornton zgur ma kienx ser jaccetta kariga anqas minn dik li kellu u kien jigi fl-istess grad ta' nies li kienu jaqghu tahtu.

Dwar ir-rwol ta' *Operations Manager*gie sottomess li wara li David Gray, ossia l-*General Manager* ta' Dragonara Casino Limited kien spicca qabel dahlet is-Socjeta` ntimata, kien okkupa din il-kariga Johann Schembri, li kien ukoll direttur u azzjonist tas-Socjeta` ntimata. Is-Socjeta` ntimata f'dan ir-rigward targumenta li r-rikorrent ma kienx adegwat sabiex ikollu dan ir-rwol hekk strategiku li kien rwol ferm superjuri ghal dak ta' manager fuq l-imwejjed u *slots*.

Fl-istess nota ssir referenza ghal dak li kien introdott mis-socjeta' Dragonara Gaming Limited fejn sar investiment sabiex il-Casino jkun aktar modern u kompetittiv. Dan wassal sabiex ikun

[68] Ibid, a fol. 286 tal-process (Kaz Nru: 2843).

[69] Nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta` ntimata, a fol. 288 tal-process (Kaz Nru: 2843)

hemm dipartiment wiehed li nkorpora fih zewg dipartimenti li kien hemm qabel. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-Affidavit tar-rikorrent Stephen Thornton, fejn sostna li kien responsabbli minn diversi doveri.

Is-Socjeta` ntimata, fin-nota taghha, tissottometti li dawn ir-rwoli kienu gew assorbiti mill-Assistant Managers, minn dipartimenti li kienu gew ikkreati godda, mill-istess diretturi u azzjonisti u dan peress li kienu esperti f'dan il-qasam[70].

Fl-istess nota jigu ribattuti l-argumenti tar-rikorrent Thornton, li l-istess rikorrent ghamel fl-affidavit tieghu. Il-kontro argumenti tas-Socjeta` ntimata jirrigwardjaw problemi dwar l-i*staff* u li taht is-socejta` precedent kien *top heavy* u dan peress li kien hemm wisq persuni mpjegati fi gradi manigerjali u ftit impjegati sabiex jaqdu l-bzonnijiet tal-klijenti.

Dwar it-tmexxija tad-dipartiment li kien responsabbli ghalih l-imsemmi Thornton, u li hu kien jassigura li jimxi kollox sew, gie spejagat li dan kien gie amalgamat f'dipartiment wiehed, Gaming Department.

Fir-rigward tal-obbligi ta' Stephen Thornton li kien responsabbli mill-imwejejd tal-loghob u t-tahrig tal-haddiema, gie ribadit jekk kienx hemm bzonn persuna bis-salarju ta' Thornton sabiex taghmel dan ix-xoghol meta dan ix-xoghol seta' jsir minn impjegati mas-Socjeta` ntimata li kellhom rwoli addizzjonali u li kellhom salarju anqas minn dak tar-rikorrent[71].

Fin-nota taghha s-socjeta` ntimata taghmel referenza ghax-xiehda ta' Johann Schembri li spjega d-differenza bejn haddiem li kellu paga ta' €16,000 u l-pakkett finanzjarju li kellu l-General Manager, ossia €200,000 fis-sena. In oltre, Schembri kompla jispjega li t-teknologija kienet iffacilitat diversi processi li qabel kienu manwali.

In oltre, ssir referenza fl-imsemmija nota, ghal mod kif it-teknologija li giet introdotta kienet iffacilitat l-processi li kienu jsiru b'mod manwali. Johann Schembri jispjega li decizjonijiet li kienu jiehdu l-erba' managers, ossia r-rikorrent, kien bdew jittiehdu mid-diretturi tas-socjeta` ntimata, u li kienu ukoll azzjonisti b'esperjenza fil-qasam tal-loghob[72].

Is-socjeta` ntimata targumenta, fin-nota taghha, li dak li ghamlet ghamlitu stante l-kompetizzjoni fil-qasam tal-loghob u kellha tadopera mezzi moderni sabiex tikkompeti kemm fuq livell lokali u kemm fuq livell internazzjonali.

Dwar l-applikazzjoni u interpretazzjoni tar-regolamenti dwar it-trasferiment ta' negozju, s-socjeta` ntimata, fin-nota taghha, ssostni li d-difiza tagha hija bbazata fuq Artikolu 5 (2) tar-Regolamenti dwar Trasferiment ta' Negozji u Artikolu 4 (1) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja 2001/23EC,. Is-Socjeta` ntimata tishaq li hemm zewg elementi essenzjali li jridu jissussistu

[70] Ibid, a fol. 293 tal-process (Kaz Nru: 2843).
[71] Nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta` ntimata, a fol. 296 tal-process (Kaz Nru: 2843).
[72] Ibid, a fol. 298 tal-process (Kaz Nru: 2843).

flimkien, ossia dak ekonomiku, tekniku u organizazzjoni li jinvolvu bidliet fin-nies li jkunu jahdmu (*work force*).

Fin-nota ssir referenza ghal kaz Tabachnik u kif ukoll ghall-kaz Christel Schimdt V spar und Leihkasse der fruheren Amter Bordesholm, Kiel und Cronshage, liema kazi jitrattaw sitwazzjonijiet simili ghal kaz in dezamina. Is-Socjeta` ntimata a bazi ta' dawn id-decizjonijiet issostni li min ikun ha l-gestjoni ta' negozju ma jistax ikun imxekkel milli jaghmel ristrutturar u organizazzjoni tan-negozju li jkun akkwista[73].

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-intimata targumenta li dawn it-terminazzjonijiet saru a bazi tar-ri-organizzar li kien sar fil-Casino. In oltre, ssir referenza ghall-artikolu 4 tar-Regolament li jitratta dwar ir-raguni tar-terminazzjoni tal-impjieg u dan minhabba bidla sostanzjali fil-kondizzjonijiet tax-xoghol li jkunu ghad-detriment tal-impjegat. F'dan il-kaz min ihaddem (*employer*) ikun meqjus li jkun responsabbli ghal tali terminazzjoni. F'dan ir-rigward is-Socjeta` ntimata tishaq li r-rikorrent ma setax jinghata l-istess rwol tal-*managers* l-ohra u dan peress li kien hemm diskrepanza fil-paga, ossia ta' kwart ta' dak li kien jippercepixxi annwalment ir-rikorrent bhala *Tables Operation Manager*.

Dan kollu kien jaghti lok ghall-diskriminazzjoni mall-Managers l-ohra li kieku s-Socjeta` ntimata zammet lir-rikorrent bl-istess kondizzjonijet li kellu, u dan apparti r-regola applikata fil-proceduri ta' *redundancy*, fejn min ikun dahal l-ahhar ikun l-ewwel li jitkecca (*last in, first out*), issottomettiet l-intimata fin-nota taghha.

Fl-istess nota ta' sottomissjonijiet hemm ukoll referenza ghd-decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja, u cioe` Kaz Numru:C-422/14, fl-ismijiet Cristian Pujante Rivera v Gestora Clubs Dir, SL, Fondo de Grantia Salarial, fejn haddiem kien meqjus *redundant* fuq decizjoni mehuda b'mod unilaterali minn min ihaddem (*employer*) kienet tinkwadra d-definizzjoni ta' dak li jistipula s-sub-inciz wiehed ta' artikolu wiehed, sub-inciz wiehed, paragrafu ittra 'a' (1(1)) (a))[74].

Is-Socjeta` ntimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha taghmel paragun bejn l-operat precedenti, ossia minn Dragonara Casino Limited, u dak prezenti, u cioe` l-operat tal-intimata. Is-socjeta` ntimata sostniet li permezz tar-ristrutturar li ghamlet kienet bdiet taghmel il-profitti. In oltre, s-socjeta` ntimata kellha fi hdanha azzjonisti li kellhom esperjenza fl-industrija tal-loghob, u dan kuntrarjament ghal dak li kien hemm qabel, fejn l-azzjonisti kellhom jimpjegaw persuni, b'salarji ezorbitanti sabiex jamministraw l-Casino. Di piu', l-Casino kien qieghed jigi gestit b'sistema antikwata li mhux talli ma kinietx qieghda thalli l-ebda profitt, izda addirittura kienet qieghda tahdem b'telf sostanzjali[75].

[73] Ibid, a fol. 299 tal-process (Kaz Nru: 2843).
[74] Nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta` ntimata, a fol. 30 tal-process (Kaz Nru: 2843).
[75]Ibid, a fol. 301 tal-process (Kaz Nru. 2843).

Fl-istess nota ssir referenza ghal 'Dok. EG1', fejn hemm riportat li l-rwol tar-rikorrent kien baqa' inezistenti bejn is-snin 2010 u 2017, u dan nonostante r-rizenja u terminazzjoni ta' zewg managers li kellhom salarju ta' inqas minn nofs tas-salarju tar-rikorrent, Thornton.

In-nota tas-Socjeta` ntimata taghlaq bi bran mix-xiehda ta' Ivan Falzon, u li f'dak il-perjodu kien Chairman tal-kumpnaija MIMCOL, fejn jaghti spjegazzjoni x'jigri f'sitwazzjonjiet meta jkun hemm bdil fl-operat ta' azjenda kummercjali u l-isfidi li din issib quddiemha sabiex tibqa' kompetittiva, specjalment bir-rirstrutturar li jkun hemm bzonn li jsir[76].

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kwsitjoni ta' xoghol in dezamina tittratta sitwazzjoni fejn sar bdil fl-operat tal-Casino tad-Dragonara u dan wara li kien hemm sejha ghall-offerti fejn l-ahjar offerent, Dragonara Gaming Limited, hadet il-gestjoni tal-isteess Casino.

Illi kif jidher car mill-atti processwali, ossia d-diversi xhieda li taw verzjonijiet totalment diametrikament differenti minn xulxin, din il-kwistjoni ta' xoghol tippernja jekk id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-erba' rikorrent kinitx gusta jew le.

It-Tribunal jinnota li kollox beda meta s-Socjeta` ntimata hadet it-tmexxija tal-Casino taht l-amministrazzjoni taghha fis-15 ta' Gunju 2010 b'effet mis-16 ta' Gunju 2010 l-haddiema kollha gew trasferiti mas-Socjeta` ntimata taht l-istess kundizzjonijiet ta' mpjieg li kellhom.

Illi sussegwentement permezz ta' ittra datata 18 ta' Gunju 2010, r-rikorrent, flimkien ma' tlett managers, ohra kienu nformata li l-impjieg taghhom kien qieghed jigi tterminat b'effett immedjat u dan minhabba ristrutturar fil-livell manigerjali.

It-Tribunal jinnota li s-Socjeta` ntimata tibbaza l-argument tat-terminazzjoni tal-erba' rikorrenti fuq sitwazzjoni ta' *redundancy*. Illi f'dawn it-tip ta' sitwazzjonjijiet l-awtur Norman Selywen jghid is-segwenti:

> *"Potentially, 'economic, technical or oraganisational reasons', is a wide concept, but it is generally a restricted meaning. In Wheeler v Patel, the EAT held that an economic reason entailing a change in the workforce must relate to the conduct of the business concerned, so that the transferor's attempt to obtain a higher price for sale by acceding to the demands of the transferee to dismiss the workforce does not constitute an economic reason. An earlier decision to the contrary (Anderson v Dalkeith Engineering Ltd) has been disapproved (see Gateway Hotels Ltd v Steward). But a redundancy dismissal brought about solely to obtain a contract is an ETO reason, and is not analogous to a dismissalbrought about solely to obtainna best price for the business (Whitehouse v CharlesBlatchford & Sons Ltd). If the transferee does not need the transferor's worforce, so that a redundancy situation is produced, this is within reg 7 (2) (Meikle v McPhail). If, on the transfer of business, employees are dismissed for reason of redundancy without the*

[76] Ibid, a fol. 304 tal-process (Kaz Nru.2842).

> *transferor being contractually required to do so , this will be evidence of the unfairness of the dismissals (Lister v Forth Dry Dock and Engineering Co ltd, see paras 9.3 and 9.34). Even when there is an ETO reason which results in redundancies, the employer concerned must still act fairly in treating that reason as a sufficient reason for the dismissal (Gibson v Ciro Citterio). The standard way of dealing with redundancies must be followed, that is, fair selection procedures, search for alternatives, full consultation with the workforce and their represantives, etc.*
>
> *The decision must be one made on the need to entail changes in the workforce. Generally, this could be a change in the number of employees employed,or a change in the functions of those employed. Thus if whole job contents have to be changed because of the transfer, this may consistute a change in the workforce (Crawford v Swinton Insurance Brokers Ltd). If something else is sought to be changed (eg the pay of the employees who are transferred) the resultant dismissal will be unfair (Berriman v Delabole Slate Ltd). However, this does not prevent a mutually agreed variation for an ETO reason[77]."*

Illi minn dan il-bran, b'analogija, t-Tribunal jara li l-fatti speci tal-kwistjoni odjerna tirrispekkja mhux ftit f'dak li hawn riportat fl-imsemmi bran tal-awtur citat. In oltre, l-istess awtur jsostni li:

> *"If the employee is unfairly dismissed in connection with the transfer, his rights lie against the transferee, not the transferor. This is so even if the dismissal took place before the transfer, if the reason was connected with the transfer[78]."*

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li s-Socjeta` ntimata kienet ilha taf li hija kienet se tkun l-operatur l-gdid tal-Casino. In oltre, s-socjeta` Dragonara Casino Ltd kienet ghamlet sena ohra sakemm l-operat ghadda f'idejn is-socjeta` Dragonara Gaming Limited, u cioe` l-intimata. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li s-Socjeta` ntimata kellha stampa cara tas-sitwazzjoni xejn sabiha tal-Casino, u cioe` kienet konxja bil-problemi li kien hemm u kif ukoll dwar l-ammont ta' pagi li kellhom l-impjegati, fosthom l-erba' rikorrent. Jirrizulta b'mod car li s-Socjeta` ntimata ghamlet ir-ricerka taghha u kif ukoll saru diversi tahditiet matul il-kors tan-negozjati mall-partijiet kollha nvoluti f'dan it-trasferiment ta' negozju. Meta wiehed iqis li dan kien trasferiment ta' negozju ta' Casino.

In oltre, t-Tribunal jinnota li d-diretturi tas-Socejta` ntimata kollha kellhom esperjenza f'dan il-qasam tal-industrija tal-loghob u ghat-Tribunal huwa difficli li jaccetta l-argument tas-Socejta` ntimata li dawn ma kellhomx hjiel dwar il-pagi tal-managers, ossia l-erba' rikorrent. Di piu', kif irrizulta mill-provi, l-istess Socjeta` ntimata kienet waslet ghall-ftehim ma' David Gray, l-General Manager ma' Dragonara Casino Limited dwar kumpens sabiex dan jispicca mill-kariga tieghu.

---

[77] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – paragrafi 9.57 u 9.58, p. 270.
[78] *Ibid*, paragrafu 9.60, p. 271.

Illi minn dan kollu t-Tribunal iqis li l-fatti speci ta' dan il-kaz jippernjaw dwar il-fatt jekk d-decizjoni tas-Socjeta` ntimata li tittermina l-impieg tal-erba' rikorrent kinitx gusta jew le. Illi f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet Tribunal, meta r-raguni tat-terminazzjoni tkun minhabba r-raguni li hemm f'regolament 4 tad-Direttiva, u cioe` ekonomika, teknika jew organizzazzjoni ta' tibdil fl-impjegati (ETO), ghandu jqis u jevalwa l-fatti tal-kwistjoni kollha ta' tkeccija u wara li jinterpreta dik id-decizjoni ta' tkeccija.

It-Tribunal jerga' jaghmel referenza ghall-awtur Norman Sewlyn li dwar ir-rwol tat-Tribunal u l-Qrati u f'dawn ic-cirkostanzi jaghti din l-ispjegazzjoni:

> *"The phrase ETO is not defined in the regulations, and is therefore the subject of interpretation by the courts and tribunals[79]."*

It-Tribunal iqis li dak li ghamlet is-Socjeta` ntimata kien manuvrar sottili sabiex wara li tkun hadet il-gestjoni tal-Casino sussegwentment tkecci lir-rikorrent u lit-tlett rikorrenti *nomine* bil-pretensjoni li issa dawn gew redundant a bazi ta' artikolu 4 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja 2001/23EC u li giet inkorporata fil-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85, precizament regoalment 5 (2). Dan ir-regoalment jistipula s-segwenti: -

> (2) It-trasferiment tal-azjenda, negozju jew parti mill-azjendajew negozju m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi raġuni biżżejjed għat-tkeċċija ta' impjegati minnmin jittrasferixxi jew minn min jirċievi t-trasferiment:
>
> Iżda din id-dispożizzjoni ma' timpedixxi ebda tkeċċija li tista' ssir għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni li jitolbu li jsiru bidliet fl-għadd ta' nies li jaħdmu[80].

It-Tribunal jinnota ukoll li mix-xiehda ta' Charles Borg jirrizulta li d-dirigenti tas-Socejta`ntimata kienu taw promozzjoni lill-*Assistant Managers* ghall-*Managers,* izda li dawn kienu talbuhom sabiex ma jitkellmu xejn peress li kienu qeghdin jistennew x'kienu se jaghmlu r-rikorrent u t-tlett rikorrenti *nomine[81]*. Din ix-xiehda kienet giet ikkoraborata minn Elizabeth Rutland.

Dan it-Tribunal minn dawn il-provi mressqa jikkonkludi li dak li ghamlet is-Socjeta` ntimata kienet strategija fina billi tinheba wara l-proviso ta' regoalment 5 (2) sabiex tkun tista` tiggustifika l-agir taghha billi tinvoka dan il-proviso. Dan it-Tribunal mhux se jaccetta dan it-tip ta' atteggjament u stragemmi minn min ihaddem specjalment f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet fejn hemm trasferiment ta' negozju.

**Decide**

It-Tribunal ghal dawn ir-ragunijiet qieghed jiddeciedi li t-tkeccija tar-rikorrent Stephen Thornton kienet ingusta u ghalhekk it-talba ghall-kumpens timmerita li tigi akkolta minn dan it-Tribunal.

---

[79] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – paragrafi 9.56, p. 270.
[80] Legislazzjoni Sussidjarja 452.85, Regolamenti Dwar Harsien tal-Impjiegi Fit-Trasferiment ta' Negozju.
[81] A fol. 288 tal-process (Kaz Nru:2840).

In oltre, t-Tribunal jinnota ukoll li r-rikorrent kien irrifjuta li jaccetta l-ammont ta' €19,354.71c bhala *notice period* u kif ukoll ghall-bilanc tal-*leave* li hu kellu.

Illi t-Tribunal ha in konsiderazzjoni kemm kien ilu impjegat ir-rikorrent, l-perjodu li l-istess rikorrent dam minghajr impjieg, minn Gunju 2010 sa Ottubru 2011, ossia sittax-il (16) xahar,u kif ukoll a bazi ta' dak deciz mill-Qorti tal-Appell dwar kif it-Tribunal Industrijali ghandu jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[82].

## Kumpens

Illi bhala kumpens it-Tribunal qieghed jordna lis-Socjeta` ntimata sabiex thallas kumpens fl-ammont ta' mija u erbghin elf Ewro (€140,000) lir-rikorrent Stephen Thornton, liema somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legalital-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

[82] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.